MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 23**

**Il-Ħamis, 11 ta' Settembru 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis, 11 ta' Settembru 2025 fil-3:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**23.1 Talba;**

23.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-03:30 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT23.10, Għawdex*
*Tel: 23558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**23.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

23.2.1 Il- membri kienu kollha preżenti għalhekk ma kienx hemm ittri t'apoloġiji x'jinqraw.

**23.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

23.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 21 u 22 ġew ippreżentati, dawn ġew moqrija.

23.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

23.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Il-minuti numru 21 u 22 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

.

**23.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

23.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 17/2025 għall-perjodi bejn il-21 ta' Awwissu u l-11 ta' Settembru 2025 li tammonta għal €17,905.98 ġiet approvata u iffirmata.

**23.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

23.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, informa lil membri li għal din il-laqgħa il-punti tiegħu huma kollha imniżżlin fuq l-aġenda u għalhekk ser jiġu mresqa skond l-ordni fl-aġenda ta din il-laqgħa.

**23.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

23.6.1 Il-Viċi Sindku, is-sinjura Ivana Mizzi semmiet li quddiem ir-residenza fejn kien joqgħod Dun Bert hemm xi *cement* fl-art. Is-Sindku talab li ninfurmaw lid-departiment tal- *Public Cleansing* biex jieħu ħsieb ta din is-sitwazzjoni.

23.6.1.2 Il-Viċi Sindku reġat staqsiet dwar il-bozza ta Triq San Martin. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li dwar din il-bozza hemm xi korrispondenza u għalhekk il-Kunsill se jiġi aġġornat fuq din it-tema f' punt 23.7.

23.6.2 Il-Kunsillier Joseph Mercieca informa lil Kunsill li l-*floodlights* taz-*zebra crossing* ta' Triq il-Kappillan Hili tan-naħħa tas-Seminarju mhux jixgħelu.

## 23.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;

23.7.1 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni dwar korrispondenza li rċieva il-Kunsill mingħand il-Perit tal-proġett ta Taħt ir-Railing. Qabel ma nqrat il-*email* is-Sindku informa lil membri li l-kuntrattur wara ħafna insistenza biex il-proġett jitkompla. ġie għamel il-*culvert* u kien lest, witta, biex isaqqaf u jagħmel il-pavimentar. Waqt li kien qed issir ix-xogħol il-perit tal-proġett insista mall-Kunsill li l-*culvert* hu meħtieġ li jsir issa qabel ma jitkompla ix-xogħol. Is-Sindku informa lill membri li wara diskussjonijiet fejn ġie spjegat li aħna bħala Kunsill mhux f'pozizjoni li nħalsu għal din l-ispiza ukoll, wara li dan il-proġett diġà ġie *over budget* fuq l-culvert l-ieħor u it-turġien, il-ħitan u ir-*railings* peress li dawn ma kienux inklużi fit-tender, Il-perit ġie infurmat li l-Kunsill kien għamel talba lil Ministeru ta'Għawdex u l-Pjannar u kien intlaħaq ftehim li dan ix-xogħol jiġi nkorporat fit-*Tender* li kien qed jiġi mfassal għat-Triq tal-Għajn. Il-Perit iżda insista li dan ix-xogħol ma jistax jistenna dan iz-zmien kollhu għaliex hemm riskju kbir li d-djar li nbnew fit-tarf jistaw iġarrbu ħsarat li jiġi kkawżat mill-ilma tax-xita li jitla fil-wiċċ tat-trejqa propju quddiem dawn il-propertajiet. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Perit ħass il-ħtieġa li jikkomunika dirett mal-Hon. Clint Camilleri u jispjegalu s-sitwazzjoni attwali. Il-Hon. Camilleri qabel li din hi sitwazzjoni kritika u urġenti u ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel talba biex il-fondi neċessarji jingħataw biex issir ix-xogħol issa. Wara din l-informazzjoni il-Kunsill irċieva korrispondenza li qeda tiġi annessa ma dawn il-minuti bħala dokument "A". Din il-korrispondenza ġiet moqrija. Is-Sindku xtaq ifakkar li għal dan il-proġett ma kienx maħsub *culvert* ieħor li kien sewa lill-Kunsill €70,000 (dan il-*culvert* kien ġie approvat mill-leġislatura ta qabel mingħajr ma ġiet osservata il-ligi u protokoll ta approvazzjoni) u issa ġejna affaċjati b'sitwazzjoni oħra tat-taraġ, il-ħitan, u r-*railings* u dan il-*culvert* li anqas kienu maħsuba fit-tender u anqas fil-proġett. Il-Kunsill ma hux f'pozzizjoni li joħroġ dawn l-ispejjez kollha fuq dan il-proġett iżda fl-istess ħin il-Kunsill jixtieq li jirnexxilu jlesti l-proġett komplut mill-aspetti kollha u għalhekk ġie deċiż wara diskussjoni fit-tul, li nitolbu l-approvazzjoni ta *Direct Order* biex inkunu nistaw naċċettaw uffiċjalment il-fondi mingħand il-Minsteru ta'Għawdex u l-Ipjanar. Ġie deċiż ukoll li nieħdu parir legali fuq din il-korrispondenza biex nkunu nistaw nirrispondu lura.

23.7.2 Is-Segretarju infurmat lil membri tal-Kunsill li ilbieraħ irċivejna l-amont ta €7,167.62 li hu l-amont li kien baqa jiġi rimborsat dwar il-proġett tal-*Playing Field* -SPI/SCI/2/2021 u għalhekk il-proċess tlesta u l-proġett issa hu magħluq.

23.7.3 Is-Segretarju infurmat lil membri bir-rata li ġibet mill-Lukanda Sorreda għal- *Weekend Break* bejn l-10 u 12 ta' Ottubru. Il-membri iddeċidew li peress li ser ikolna diversi attivitajiet fix-xhur li ġejjin, norganizzaw *Weekend Break* fil-bidu tas-sena d-dieħla.

23.7.4 Is-Segretarju ippreżentat din il-lista ta korrispondenza li ġew iċċirkulati mill-aħħar laqgħa sad-data ta din il-laqgħa :

| Date received | Date sent | From | Title |
|---|---|---|---|
| 13/09/2025 | 13/09/2025 | Reġjun Għawdex | Exhibition during the Year of Culture - Closing Event |
| 11/09/2025 | 13/09/2025 | Local Government Division | Save the Date: Launch of the ESF +.0.246 Mobility Sponsorships |
| 11/09/2025 | 13/09/2025 | Mater Dei Hospital | Mater Dei Hospital Talent Show |
| 13/09/2025 | 13/09/2025 | Friends of the Earth Malta | Community Assembly for Gozo Residents. |
| 13/09/2025 | 13/09/2025 | Local Government Division | IPS Summer Programme |
| 15/09/2025 | 15/09/2025 | Joseph Grech | Talba sabiex issir Mera faċċata tal-garaxxijiet tal-blokka l-ġdida fi Triq l-Isptar San Ġiljan. |
| 15/09/2025 | 15/09/2025 | Carmelo Galea | Talba sabiex isiru double yellow lines mal-garaxxijiet fi Triq il-Qalb Ta' Ġesu |
| 16/09/2025 | 16/09/2025 | EUI-URBACT | Urban Newsletter Vol 2/2025 |
| 18/09/2025 | 18/09/2025 | Nicky Saliba | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 22/09/2025 | 22/09/2025 | EUI-URBACT | Call for Participation: Compact Cities under the Urban Agenda for the EU |
| 22/09/2025 | 22/09/2025 | Richard Stedall | Book Launch - Gozo 100 - The 100th Anniversary of the Gozo Bus Industry - 1925 to 2025" |
| 23/09/2025 | 23/09/2025 | Local Council Association | Ċirkulari AKL 2025/053 - Rolex Middle Sea Race 2025 |
| 23/09/2025 | 23/09/2025 | Aimee Grech | Invitation for Focus Group - Mapping the Mental Health Services |
| 24/09/2025 | 24/09/2025 | Marita Portelli | DesignMT - 2nd edition of Malta's design EXPO |
| 25/09/2025 | 25/09/2025 | Local Government Division | Invite: Launch of the ESF+.0.246 Professional Development Sponsorships - Tuesday 30th September 2025. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 25/09/2025 | 25/09/2025 | Jessica Debattista | Book Donation: 'Out of the Shadows' |
| 25/09/2025 | 25/09/2025 | Malta Human Rights Education Centre | Free Gozo Activity: The ABC of Human Rights: A Community Voice Project. |
| 25/09/2025 | 25/09/2025 | Reġjun Għawdex | Save the Date: Konċelebrazzjoni Pontifikali Sant' Ursola |
| 25/09/2025 | 25/09/2025 | Reġjun Għawdex | Follow-upon Yesterday's City-to-City Exchanges Presentation and Registration Link for online information session on Peer Reviews and City-to-City Exchanges. |
| 29/09/2025 | 29/09/2025 | Local Government Division | European Week for Waste Reduction |
| 29/09/2025 | 29/09/2025 | Local Council Association | Ċirkulari AKL 2025/054 - Proġett SOuSeEU / Taħriġ fuq l-ELoGE : 1 sa 3 t'Ottubru 2025. |
| 30/09/2025 | 30/09/2025 | LESA | Talba sabiex jiżdiedu t-tabelli tan-No Waiting fi Triq tal-Għajn il-parti ta' fuq tagħha. Talba sabiex isir refreshing taż-żebgħa tas-sinjali ta' Triq tal-Għajn |
| 30/09/2025 | 30/09/2025 | Local Council Association | Ċirkulari AKL 2025/055, dwar il-Jum Dinji tas-Saħħa Mentali. |
| 01/10/2025 | 01/10/2025 | | Talba sabiex jiżdiedu tabelli taz-zone B parking fi Triq l-Isptar San Ġiljan |
| 01/10/2025 | 01/10/2025 | Kummissjoni Ambjent - Malta Diocese | Konferenza mill-Kummissjoni Ambjent |
| 01/10/2025 | 01/10/2025 | Local Council Association | Agenda for Proġett SOuSeEU / Taħriġ fuq l-ELoGE |
| 01/10/2025 | 01/10/2025 | Reġjun Għawdex | Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażżjoni ta' Jum Għawdex - 26 ta' Ottubru |
| 01/10/2025 | 01/10/2025 | Reġjun Għawdex | Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażżjoni ta' Jum il-Festa ta' Sant Ursola - 19 ta' Ottubru |
| 03/10/2025 | 03/10/2025 | EUI-URBACT | Urban Newsletter Vol 3/2025 |
| 03/10/2025 | 03/10/2025 | Local Council Association | Circular AKL 2025/056 - Invitation to EduVoices Conference 2025. |

## 23.8 Mozzjoni;

23.8.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-kunsill uffiċjalment il-mozzjoni li ġiet mibgħuta flimkien mal-Aġenda ta din il-laqgħa. Is-Segretarju qrat il-Mozzjoni li qed tiġi ukoll annessa bħala dokument "B" ma dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet biex jiġi rivedut il-percemtaġġ mogħti mill-Kunsill fir-rigward tal- *Performance Bonus* tas-Sinjura Josianne Cassar minn 9% għal-10%. Din il-mozzjoni ġiet is-sekondata mill-Viċi Sindku Ivana Mizzi. Ma kien hemm ebda oġġezzjoni u għalhekk il-mozzjoni ġiet aprovata.

### 23.9 Aġġornament tal-Proġetti ;

23.9.1 Is-Sindku informa li il-proġett tas-*CCTV cameras* wasal biex issir l-*earthing* u wara jkun imiss li l-Enġiniera jkunu jistaw jiċċekkjaw li jkun saru u jimla l-aplikazzjoni għal-*meters* tad-dawl fejn meħtieġ. Wara dan il-proċess jiġi nstallat l-apparat fl-uffiċċju biex jkun hemm aċċess għal *footage.* Is-Sindku xtaq jerġa jfakkar lil membri li l-filmati ma jistawx jintużaw għal-informazzjoni mingħajr rapport l-għassa. Il-membri ġew infurmati ukoll li dawn il-*cameras* se jkunu *monitored* ukoll mill-LESA. Fuq dan il-punt il-kunsillier Horace Micallef ġibed l-attenzjoni li hu ma qabilx li waħda mill-*cameras* ġiet installata fil-konfini ta raħal ieħor u li ma ġiex ikkonsultat il-Kunsill dwar il kambjament. Wara diskussjoni ġie deċiż li nitolbu in-No Objection lill-Kunsill tar-Rabat.

23.9.2 Is-Sindku xtaq jaġġorna lill-Kunsill dwar il-BOQ taċ-Ċentru Ċiviku li aplikajna għal-iskema tad-DLG. Hu spjega li parti mill-BOQ sottomessa għal din l-iskema kienet tinkludi il-VRF. Hu informa lill Kunsill li fil-prezent hemm fondi tal-Ewropa li nistaw napplikaw għalihom, hu issuġġerixxa li għal dawn il-fondi napplikaw biex issir il-VRF u r-rinovar tas-sala filwaqt li għal iskema tad-DLG nuzaw il fondi għaċ-Ċentru. Hu spjega kif il-BOQ taċ-Ċentru Ċiviku li fih kien inkluż ukoll il-VRF kien jaqbeż is-somma eliġibbli għal-kull Kunsill u għalhekk dan ma jiksirx ir-regola tad-*double funding.* Il-Kunsill qabel, filwaqt li l-kunsillier is-Sur Horace Micallef iċċara il-fatt li nridu noqgħodu attenti biex ma niksrux ir-regola tad- *double funding.*

### 23.10 Attivitajiet tat-Tfal;

23.10.1 Is-Sindku fakkar fl-Sports Fest li se jibda illejla, hu informa li t-*trophies* li nxtraw mill-Kunsill bħala kollaborazzjoni mall-paroċċa ser jitqasmu lir-rebbieħa nhar is-Sibt. Hu stieden lil kull kunsillier jippreżenta *trophie* għal kull grupp.

23.10.2 Is-Sindku Thomas Mizzi irringrazzja f'isem il-Kunsill għas-sapport mogħti mill-kunsillier, is-Sur Horace Micallef biex il-Kunsill ġie allokat is-somma ta €4,000 għal-avveniment ta' *Autumn Funland.* Il-Kunsill ġie allokat id-data tad- 09ta' Novembru biex itella din l-attivita mhux kif pjanat l-01 ta' Novembru. Għal din l-attivita din is-sena ser ikun hemm is-sehem tal-annimali.

**23.11 Management letter tal-Awdituri u r-risposta;**

23.11.1 Is-Sindku ippreżenta kopja tar-risposta li l-Kunsill se jibgħat għal-*Management Letter* lil kull membru. Wara li ġiet moqrija individwalment u saru xi mistoqsijiet din ġiet approvata unanimament u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**23.12 Korsijiet;**

23.12.1 Is-Sindku informa lill membri li għal-kors tal-*Pilates* diġà applikaw 29 resident. Hu informa li ser issiru zewġ sessions jekk jibqa dan in-numru u jekk jiżdied l-interess għandna *instructor* oħra li tista tagħmel sessjoni oħra. Is-Sindku iddiskuta mall-membri u ġie deċiż li l-Kunsill joffri is-sala u minn japplika jħallas il-prezz ta €40 għal-10 sessjonijiet li ser issiru darba fil-ġimgħa.

23.12.2 Is-Sindku informa ukoll li wasalna biex nikonkludu dwar il-kors tal-presepji u fil-ġranet li ġejjin hekk kif ikolna konferma li ġejna eleġibli għal-iskema tal-Milied inkunu nistaw nibdew il-promozzjoni fuq Facebook.

**23.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5:25 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar it-Tlieta 07 ta' Ottubru fit-06:00 p.m.

Konfermati, llum, it-Tlieta, 04 ta' Novembru, 2025.

| | |
|---|---|
| Thomas Mizzi | Loretta Cauchi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |